QORTI ĊIVILI
(SEZZJONI TAL-FAMILJA)

IMĦALLEF

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Frar, 2018

Rikors Nru : 220/17 AL

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewwgu fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru tas-sena elf disa` mija wiehed u disghin (1991) kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A. Illi minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, D li ghandha hamsa u ghoxrin (25) sena F li ghandha tnejn u ghoxrin (22) sena;

Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz tal-kuntratt redatt min-Nutar Reuben Debono li gie ppubblikat fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) liema kopja hija hawn annessa u

mmarkata bhala Dok. B.

Illi l-partijiet minkejja illi sseparaw legalment ricentament, ilhom ma jghixu taht l-istess saqaf mill-ewwel (1) ta’ Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012) u dan kif ukoll gie ddikjarat fid-disa` u ghoxrin (29) klawsola tal-kuntratt ta’ separazzjoni u ghalhekk ilhom kwazi hames snin separati de facto u kwazi xahar separati legalment.

Illi ma hemm l-ebda pendenzi rigward il-manteniment tal-minuri Fleur-Marie u dana ghaliex l-intimata qeghda prezentement tircievi s-somma ta’ elf disgha u ghoxrin Ewro u hamsin centezmu (€1029.50) kull xahar bhala entitlement mill-Parlament Ewropew u dan skont il-klawsola numru tlieta (3) tal-kuntratt tas-separazzjoni. Illi wkoll ma hemm l-ebda pendenzi ta’ manteniment fil-konfront tal-intimata u dan skont il-klawsola tnejn, sub-inciz tnejn (2) (ii) tal-imsemmi kuntratt.

Illi l-partijiet prezetement jghixu l-boghod minn xuxlin u r-rikorrenti ma jridx jirrikoncilja maghha u ghaldaqstant ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom. Illi r-rikorrenti jaf b’dawn il-fatti personalment u dan skont l-affidavit tieghu hawn anness u mmarkat bhala Dok. C;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talab, li l-intimata tghid ghaliex din il- Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn l-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet tad-divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Settembru, 2017;

Rat l-affidavit tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimata tiddikjara li ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta' April 2017, izda ilhom de facto separati mill-1 ta' Gunju 2012 u dan kif gie dikjarat fid-disa' u ghoxrin (29) klawsola tal-kuntratt ta' separazzjoni;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.